

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 3.12.2008  
SEG(2008) 2982

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI**

*Dokument ta' akkumpanjament għal*

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [.../...] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat]**

**Ġabra fil-qosor tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

{KUMM(2008) 825 finali}  
{SEG(2008) 2981}

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament ta' Dublin (ir-Regolament tal-Kunsill 343/2003/KE tat-18 ta' Frar 2003) għandu l-għan li jstabbilixxi mekkaniżmu ċar u li jista' jitħaddem biex tkun iddeterminata r-responsabbiltà għal applikazzjonijiet tal-ażil iddepożitati fl-Istat Membru tal-UE u, f'żona mingħajr kontrolli mal-fruntieri interni. Kien ġie maħsub biex jindirizza l-fenomenu tal-ispostament tal-applikanti għall-ażil minn Stat Membru għal ieħor bil-għan li jinstabu kundizzjonijiet aħjar ("**asylum shopping**")tat-**tfittxija għall-kenn politiku**, billi jipprevjeni l-abbuż tal-proċeduri tal-ażil fil-forma ta' applikazzjonijiet multipli għall-ażil ippreżentati simultanjament jew sussegwentament mill-istess persuna f'għadd ta' Stati Membri. Għandu wkoll l-għan li jevita l-fenomenu tar-**refugees in orbit** (jiġifieri: sitwazzjoni fejn l-Istati Membri kollha jgħidu li *mhumiex* responsabbli biex jeżaminaw l-applikazzjoni tal-ażil).

B'hekk, ir-Regolament tal-Kunsill 2725/2000/KE tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac (minn issa 'l quddiem: ir-Regolament tal-EURODAC) daħal fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2000 u s-sistema tat-teknoloġija tal-informatika estiża mal-Komunità kollha għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' tal-persuni li qed ifittxu l-ażil, bdiet topera fil-15 ta' Jannar 2003.

L-*acquis* ta' Dublin hu implimentat mill-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll min-Norveġja u l-Iżlanda. Il-ftehimiet internazzjonali, dwar l-adeżjoni tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein fl-*acquis* ta' Dublin, ġew iffirmati fit-28 ta' Frar, u se jidħlu fis-seħħ dakinnhar li jibdeu japplikaw l-*acquis* ta' Schengen. (Fil-Valutazzjoni tal-Impatt attwali, it-terminu "Stati Membri" ikopri l-Istati kollha li japplikaw l-*acquis* ta' Dublin).

Is-servizzi tal-Kummissjoni għamli evalwazzjoni komprensiva tas-sistema ta' Dublin (minn issa 'l quddiem: ir-Rapport ta' Evalwazzjoni), li tkopri l-ewwel tliet snin tal-operazzjoni tagħha tas-sistema ċentrali tal-EURODAC (2003-2005). Ir-rapport għaraf l-elementi pożittivi tal-operazzjoni tas-sistema ta' Dublin, filwaqt li fl-istess ħin innota nuqqasijiet u problemi fit-traspożizzjoni.

Lil hinn mir-Rapport ta' Evalwazzjoni, numru ta' rapporti oħra kkontribwew għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Evalwazzjoni teknika tad-DubliNet twettqet fl-2005. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn issa 'l quddiem: ) kien qed jispezzjona l-applikazzjoni tar-Regolament tal-EURODAC mil-lat tal-protezzjoni tad-data u f'Lulju 2007 ħareġ rapport ta' spezzjoni<sup>1</sup> kif ukoll Rapport dwar l-Attività li jkopri l-perjodu 2005-2007.<sup>2</sup> Ġiet irċevuta informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri matul il-laqgħa tal-kumitat tal-esperti tal-EURODAC tal-4-5 ta' Ottubru 2007 u bħala segwitu għaliha.

Il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt (IAB) tal-Kummissjoni kien ikkonsultat fuq l-abbozz tar-rapport finali tal-Valutazzjoni tal-Impatt u ta l-opinjoni tiegħu fil-26.09.2008. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAB ittiegħu inkunsiderazzjoni kif xieraq.

---

<sup>1</sup> Il-Grupp tal-Koordinament tas-Superviżjoni għall-Eurodac, Rapport tal-ewwel spezzjoni koordinata, Brussell, is-17 ta' Lulju 2007.

<sup>2</sup> Superviżjoni Koordinata tal-Eurodac – Ir-Rapport tal-Attività 2005-2007, il-21 ta' April 2008

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Skont il-Pjan ta' *Politika għall-Ażil – approċċ integrat għall-protezzjoni madwar l-UE*<sup>3</sup> il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) tittratta mal-problemi li jmiss li huma identifikati fir-Rapport tal-Evalwazzjoni.

### 2.1. It-trażmissjoni tard kontinwata tal-marki tas-swaba'

Ir-Regolament fis-seħħ jipprovdi biss skadenza vaga ħafna għat-trażmissjoni tal-marki tas-swaba' lill-UĊ: L-Istati Membri huma meħtieġa li "jieħ[d]u fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha" u "jittrażmett[uhom] fil-pront". Fil-prattika, fin-nuqqas ta' skadenza stretta, u mingħajr l-ebda sanzjoni fil-każ li ma tiġix rispettata skadenza li diġa hi vaga, id-dewmien sabiex jintbagħtu l-marki tas-swaba' fil-passat laħaq it-30 jum fuħud mill-Istati Membri, filwaqt li fl-2007 l-itwal dewmien kien ta' kważi 12-il jum. F'xi Stati Membri, ġie osservat ffit progress mill-installazzjoni tal-EURODAC, minkejja t-ffakkiriet regolari mis-servizzi tal-Kummissjoni permezz ta' rapporti annwali tal-attività u l-laqgħat tal-kumitat tal-esperti tal-EURODAC Dewmien fit-trażmissjonijiet jistà twassal għal riżultati li jmorru kontra l-prinċipji ta' responsabbiltà stipulati fir-Regolament ta' Dublin ("suċċessi żbaljati ftiftixiet" u "l-ebda suċċess ftiftixa", spjegati fir-rapporti annwali tal-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC).

### 2.2. L-impossibbiltà li jiġu ffiltrati t-talbiet għall-ażil minn persuni li diġa qed igawdu minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru

Taħt ir-Regolament fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-Unità Ċentrali biex jimblukkaw id-data tal-persuni li huma rikonoxxuti bħala refuġjati. Jekk ikun hemm suċċess ftiftixa mad-data ta' persuna li ttehdulha l-marki tas-swaba' bħala persuna li qed ifittex ażil, iżda li d-data tagħha kienet aktar tard imblukkata minn Stat Membru għax irrikonoxxa din il-persuna bħala refuġjata, l-Unità Ċentrali tirreġistra r-riżultat pożittiv għall-finijiet ta' statistika iżda tibgħat risposta ta' "l-ebda suċċess fit-tiftixa" lill-Istat Membru ta' oriġni.

Ir-Regolament fis-seħħ jistipola, iżda, li ħames snin wara li l-EURODAC jibda jopera, għandha tittieħed deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, fuq jekk id-data li għandha x'taqsam ma persuni li ġew rikonoxxuti u ammessi bħala refuġjati fi Stat Membru għandhiex tkun maħżuna u mqabbla mal-KAT1 jew għandhiex tkun mħassra minn qabel ladarba huma jkunu rikonoxxuti bħala refuġjati.

L-istatistiċi miġbura mill-UĊ tal-EURODAC juru li mill-bidu tal-attivitajiet tiegħu (sal-31.12.2007), 24,464 mill-1,005,323 data dwar persuni li qed ifittxu ażil (2.4%) kienu mblukkati. 414 minn 24,464 kellhom suċċess tiftixa b'data mblukkata. Dan ifisser li 414 refuġjat rikonoxxut iddepożitaw tieni applikazzjoni għall-ażil, fl-istess Stat Membru bħala dak li tahom l-istatus ta' refuġjat/a jew fi Stat Membru ieħor<sup>4</sup>. Dan il-fenomeno jmur kontra il-prinċipji sottostanti tas-sistema ta' Dublin, peress li mingħajr il-kapaċità li wieħed jara s-suċċessi ftiftixa ma' każijiet li bħalissa huma mblukkati, tista' tinbeda proċedura ġdida tal-ażil

<sup>3</sup> COM(2008) 360.

<sup>4</sup> Mil-lat ta' persuna li qed tfittex l-ażil jew tar-refuġjat, l-asylum shopping, fit-teorija, għandu jkollu l-vantaġġ li jimmultiplika l-possibbiltà li iikseb ċertu livell ta' protezzjoni. Iżda għandu jkkun enfasizzat li, madankollu, iċ-ċaqliq minn Stat Membru għal ieħor jinvolvi spejjeż finanzjari għall-persuna li qed tfittex l-ażil, kif ukoll għawġ u nuqqas ta' ċertezza. L-effett deterrenti attwali tas-sistema ta' Dublin mill-lat tal-asylum shopping jiddependi, fil-biċċa l-kbira tiegħu, fuq il-kwalità u l-livell ta' informazzjoni li huma pprovduti lill-persuni li jfittxu l-ażil.

fi Stat Membru ieħor (jew tabilħaqq l-istess wieħed) li b'hekk tikkonsma riżorsi addizzjonali rigward persuna li diġà rċeviet protezzjoni minn Stat Membru. L-informazzjoni li Stat Membru jista' jiġbor billi jiżblokka dawn il-każijiet tista' ovjament tkun deċisiva fi proċedura tal-ażil.

### 2.3. Ġestjoni ineffiċenti għat-tħassir tad-data

Taħt ir-Regolament fis-seħħ, it-tħassir tad-data mid-*database* hu awtomatiku wara 10 snin (KAT1) jew sentejn (KAT2) rispettivament. It-*tħassir minn qabel* tad-data mill-Istat Membru tal-orijini (jiġifieri l-Istat Membru li daħħal d-data ta' persuna li qed tftitex l-ażil jew persuna li twaqqfet meta kienet qed taqşam b'mod irregolari fruntiera esterna fid-*database* Ċentrali tal-EURODAC) hu obligatorju malli jsiru jafu li suġġett tad-data *kiseb iċ-ċittadinanza* ta' xi Stat Membru (il-KAT1 u kif ukoll is-KAT2) u malli jsiru jafu li din il-persuna *tkun telqet mit-territorju* tal-Istati Membri jew inġhatat *permess ta' reżidenza* (KAT2).

Kwistjoni oħra tirrigwardja l-fatt li l-Istati Membri tal-orijini *bosta drabi ma jkunux jafu li Stat Membru tal-orijini ieħor ħassar id-data* li kienet tikkorrispondi mad-data dwar il-marki tas-swaba' li hu wkoll ikun daħħal fil-EURODAC f'ċertu punt, u li għandha għalhekk tkun is-suġġett ta' tħassir minn qabel tad-data mill-Istati Membri kollha tal-orijini. Dan hu ksur serju tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, li jirrikjedu li d-data tkun mħassra meta l-ħażna tagħha ma tkunx aktar neċessarja, u jqajjem dubji dwar il-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tal-protezzjoni tad-data.

### 2.4. Speċifikazzjoni mhux ċara tal-awtoritajiet nazzjonali li għandhom aċċess għall-EURODAC li f'ixxkel ir-rwol tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni u tal-EDPS

Ir-Regolament tal-EURODAC jitlob lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni **lista tal-awtoritajiet li għandhom aċċess għad-data rreġistrata fid-*database* ċentrali tal-EURODOC**, għall-għanjiet stipulati fir-Regolament tal-EURODOC. Minn lat tal-protezzjoni tad-data, id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ jistgħu jkunu kkonsidrati li huma vagi wisq, peress li l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw lista indefinita tal-"awtoritajiet" mingħajr l-ebda dettall dwar in-natura eżata tal-kompetenzi nazzjonali tal-awtorità u dwar id-dipartimenti rilevanti. Il-Kummissjoni tista' biss tieħu nota tan-notifiki u tamministra l-lista tal-awtoritajiet iżda ma tistax teżerċita kif xieraq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ.

Din il-kwistjoni tqajmet f'bosta okkażjonijiet mill-EDPS u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data (APDs) li ġustament jibzġħu li huma ma jistgħux jivvalutaw sew jekk ir-regoli kollha tal-protezzjoni tad-data humiex applikati korrettament jew le fil-kuntest tar-Regolament tal-EURODAC, peress li huma ma jafux eżattament min qed ikollu aċċess għad-data f'kull Stat Membru.

### **3. GĦANIJIET TA' POLITIKA**

#### **3.1. Għanijiet ġenerali**

3.1.1. *Li jkun żgurat li l-Istat Membru responsabbli għall-valutazzjoni tal-applikanti għal-ażil jiġi stabbilit b'mod aktar effiċjenti*

3.1.2. *Li kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data jiġu indirizzati aħjar*

#### **3.2. Għanijiet speċifiċi**

3.2.1. *Li tkun żgurata trażmissjoni verament fil-pront tal-marki tas-swaba'*

3.2.2. *Li jiġi pprevenut l-asylum shopping billi jkun evitat l-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil ta' refuġjati*

3.2.3. *Li jitjieb it-tħassir ta' bilfors tad-data*

3.2.4. *Li jiġi żgurat monitoraġġ effettiv mill-Kummissjoni, l-KEPD u awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data għall-ġestjoni tal-aċċess tad-data fil-EURODAC mill-awtoritajiet nazzjonali nnominati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-EURODAC*

#### **3.3. Drittijiet fundamentali**

Ġew ikkunsidrati wkoll impatti pożittivi u negattivi fuq drittijiet fundamentali rilevanti.

Peress li r-Regolament tal-EURODAC huwa strument tekniku li jipprovdi għall-implimentazzjoni effettiva ta' ċerti kriterji tar-Regolament ta' Dublin, ġew ivvalutati l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali fir-rigward tad-dritt għall-ażil u l-protezzjoni tad-data personali.

### **4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA PREFERUTI**

Minħabba l-livell tal-kumplessità tal-għażliet sekondarji ta' politika proposti, din il-ġabra fil-qosor hi limitata għal enumerazzjoni tal-elementi prinċipali li jagħmlu parti mill-għażla ta' politika preferuta. L-għażla ta' politika preferuta hi magħmula kemm minn **għażliet leġiżlattivi** u kif ukoll minn għażliet iffukati fuq **l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni Prattika** bejn l-Istati Membri.

#### **4.1. Problema 1: It-trażmissjoni tard kontinwata tal-marki tas-swaba'**

##### **Għażla C) Il-leġiżlazzjoni – li tispeċifika, fir-Regolament, data ta' skadenza aktar ċara**

Bl-użu tal-konsultazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-kumitat ta' esperti tal-EURODAC fil-4-5 ta' Ottubru 2007, is-soluzzjoni possibbli tista' tkun li l-iskadenza tinżamm xi ftit flessibbli, iżda fl-istess ħin tiġi stabbilita data finali. Proposta ta' formulazzjoni li tkun tirreferi għall-obbligu li d-data tintbagħat malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn ċertu numru ta' ġranet (liema numru eżatt għandu jkun iddeterminat) tista' takkomoda l-bżonn li tinstab skadenza aħħarija, iżda fl-istess ħin tiżgura li l-Istati Membri li bħalissa qed jibagħtu d-data f'perjodu iqsar min-numru ta' jiem li jintlaħaq ftehim dwarhom bħala skadenza ikomplu bl-eżekuzzjoni tajba tagħhom ta' dan l-obbligu.

**4.2. Problema 2: L-impossibbiltà li jiġu ffiltrati t-talbiet għall-ażil minn persuni li diġà qed igawdu minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru**

**Għażla Bb) Tiġi maħżuna d-data li ġiet ippreżentata qabel bħala KAT1 u tingħatalha marka**

Fuq l-azzjoni tal-Istat Membru li jkun ta protezzjoni internazzjonali lil ċittadin ta' pajjiż terz, id-data ta' liema persuna tkun ġiet maħżuna fl-EURODAC bħala KAT1, l-UĊ għandha tattribuwixxi marka li tfisser li din il-persuna ġiet rikonoxxuta bħala eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali.

**4.3. Problema 3: Ġestjoni ineffiċjenti għat-tħassir tad-data**

**Għażla C) Informazzjoni awtomatika pprovduta mill-UĊ**

Meta Stat Membru jħassar il-marki tas-swaba' (flimkien mad-data l-oħra rreġistrata magħhom) li jipproduċu riżultati pożittivi mal-marki tas-swaba' li ġew introdotti fil-EURODAC mill-Istati Membri l-oħra tal-orġini, għandu jintbagħat messaġġ awtomatiku lil dawn l-Istati Membri tal-aħħar.

**4.4. Problema 4: Speċifikazzjoni mhux ċara tal-awtoritajiet nazzjonali li għandhom aċċess għall-EURODAC li tfixkel ir-rwol tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni u tal-KEPD**

**Għażla A) Leġiżlazzjoni dwar l-obbligu ta' notifika tad-dettalji relevanti dwar l-awtorità nnominata lill-Kummissjoni**

Il-leġiżlazzjoni li tagħti lill-Kummissjoni l-għażla li tissorvelja n-nomina tal-awtoritajiet billi titlob lill-Istati Membri biex jipprovdut, fin-notifika uffiċjali tagħhom, dettalji dwar in-natura eżatta tal-kompetenzi nazzjonali tal-awtorità u dwar id-dipartimenti relevanti fi ħdan l-awtorità inkarigata bl-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-EURODAC.

Taħlita tal-**għażliet ta' politika 1C, 2Bb, 3C, 4A** ġiet identifikata bħala l-għażla ta' politika preferuta permezz tal-analiżi komparattiva.

Għażla ppreferuta: taħlita tal-għażliet ta' politika 1C, 2Bb, 3C u 4A		
Kriterji ta' Valutazzjoni	Klassifikazzjoni	Motivazzjoni tal-klassifika u l-aspetti tal-għażla ta' politika neċessarja biex tilħaq l-impatt
<b>Ir-rilevanza</b>		
<i>Li jkun żgurata trażmissjoni tasew fil-pront tal-marki tas-swaba'</i>	√√	B'data ta' skadenza preċiża stabbilita mir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw aħjar mal-obbligi tagħhom li jieħdu u jittirazzmettu fil-ħin il-marki tas-swaba' biex jippermettu determinazzjoni xierqa tal-Istat Membru responsabbli. Peress li d-data ta' skadenza għandha tkun ċara u oġġettiva, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà ta' segwitu f'każ ta' għadd kbir ta' dewmien eventwali mill-Istat Membru billi tnedi proċeduri ta' ksur.
<i>Li jiġi pprevenut l-asylum shopping billi jkun evitat l-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil ta' refuġjati</i>	√√	Hu deċiżio għall-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil li jkunu jafu li persuna diġà qed tgawdi minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru għax b'hekk jistgħu jiffrankaw żmien u riżorsi għall-valutazzjoni ta' dawn it-talbiet .

Għażla ppreferuta: taħlita tal-għażliet ta' politika 1C, 2Bb, 3C u 4A		
Kriterji ta' Valutazzjoni	Klassifikazzjoni	Motivazzjoni tal-klassifika u l-aspetti tal-għażla ta' politika neċessarja biex tilħaq l-impatt
<i>Li jitjieb it-tħassir ta' bilfors tad-data</i>	√√√	Meta Stat Membru jħassar il-marki tas-swaba' (flimkien mad-data l-oħra rreġistrata magħhom) li jipproduċu riżultati pożittivi mal-marki tas-swaba' li ġew introdotti fil-EURODAC mill-Istati Membri l-oħra tal-oriġini, għandu jintbagħat messaġġ awtomatiku lil dawn l-Istati Membri tal-aħħar. B'dan il-mod hu mistenni li jkun żgurat li d-data tkun mħassra b'mod effettiv mill-Istati Membri u għaldaqstant ma tinżamm l-ebda data għal aktar żmien milli hemm bżonn fid- <i>database</i> .
<i>Li jiġi żgurat monitoraġġ effettiv mill-Kummissjoni, l-KEPD u awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data għall-ġestjoni tal-aċċess tad-data fil-EURODAC mill-awtoritajiet nazzjonali nnominati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-EURODAC</i>	√√√	L-ispeċifikazzjoni mill-Istati Membri fin-notifika uffiċjali tagħhom tad-dettalji dwar in-natura eżatta tal-kompetenzi nazzjonali tal-awtorità u tad-dipartimenti rilevanti fi ħdan l-awtorità li huma inkarigati bl-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-EURODAC għandha tippermetti sorveljanza xierqa tal-attivitajiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-EURODAC.
<b>Possibbiltà ta' traspożizzjoni</b>		
- Taħt it-Trattat eżistenti	√√√	L-ebda diffikultajiet jew riskji m'huma previsti dwar it-taħlita ta' għażliet sussidjarji ppreferuti.
- Taħt it-Trattat il-ġdid	√√√	L-ebda diffikultajiet jew riskji m'huma previsti dwar it-taħlita ta' għażliet sussidjarji ppreferuti.
Spejjeż ta' implimentazzjoni	√√√	C.f. Anness 2.

## 5. IL-MONITORAĠĠ U L-VALUTAZZJONI

Il-monitoraġġ tat-tweġiq tal-għanijiet operazzjonali kif deskritt fit-3.3.1. (li jkunu evitati "suċċessi żbaljati ftiftixiet" u "l-ebda suċċess ftiftixa), 3.3.2. (li jkun żgurat li applikazzjonijiet tal-ażil ta' refuġjati ma jkunux ipproċessati) u 3.3.3. (li jkun żgurat it-tħassir tad-data f'ċirkustanzi previsti mir-Regolament attwali tal-EURODAC) għandu jsir permezz tal-istatistiċi mfassla mill-UĊ tal-EURODAC. Rigward l-ewwel żewġ punti, l-istatistiċi rilevanti diġà qed ikunu prodotti bħalissa, kull xahar, bħala prassi stabbilita tajjeb. Dwar it-3.3.3., is-soluzzjoni preferuta tikkonsisti f'azzjoni mill-UĊ, biex b'hekk il-monitoraġġ tal-fornitura awtomizzata tal-informazzjoni tkun ukoll mhux problematika.

It-tweġiq tal-għan operazzjonali 3.3.4. (li jippermetti lill-Kummissjoni u lill-EDPS ikunu jafu eżattament min qed jaċċedi għad-data f'kull Stat Membru) ser ikun issorveljat b'mod regolari mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, biex ikun hemm monitoraġġ fuq jekk ir-Regolament rivedut huwiex segwit mill-Istati Membri b'mod effettiv jew le, hi ssuġġerita valutazzjoni regolari fi ħdan il-qafas tal-valutazzjoni globali tas-sistema ta' Dublin. Bil-ħsieb biex jittejjbu l-effetti tat-taħlita ta' għażliet sussidjarji ppreferuti, hija prevista l-organizzazzjoni ta' aktar laqgħat regolari esperti tal-EURODAC .